mitluba b'riferenza għall-istima fol. 5; di pjù, l-appoġġ tal-volta dovut lill-konvenut mill-attur ma jiffurmax oġġett ta' din il-kawża, u lanqas jikkostitwixxi kreditu ċert u likwidu, b'mod li mhux kompensabbli mal-kreditu tal-attur;

Illi, rigward l-eżattezza tal-ammont stabbilit mill-perit ġudizzjarju, ma saret ebda kontestazzjoni; u l-Qorti ma għandiex motiv biex tiddipartixxi ruħha mill-likwidazzjoni tal-perit;

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tal-konklużjonijiet peritali fil-limiti ta' dawn il-konsiderandi;

Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna l-konvenut iħallas is-somma ta' £54.1.4½, bl-imgħax legali mil-lum u bl-ispejjeż; salv lill-konvenut kull dritt li jista' jkollu kontra l-attur, "si et quatenus".

---

**10 ta' Novembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Cassar

*versus*

Gustavo Pisani

**Ċitazzjoni — Transazzjoni — Obligazzjoni "di fare" — Mandat ta' Inibizzjoni — Eżekuzzjoni tas-Sentenza.**

*Ċitazzjoni fejn l-attur jitlob il-kundanna tal-konvenut biex jeżegwixxi l-obligi minnu assunti fi skrittura ta' transazzjoni, għax ma għamel xejn minn dak li obliga ruħu li jagħmel, hija ċara biżżejjed; u ma għamelx ħażin l-attur meta fiċ-ċitazzjoni huwa adopera lokuzzjoni komprensiva u riferibbli għall-iskrittura kollha; u mhix attendibbli l-obbjezzjoni tal-konvenut fis-sens li l-attur messu jsemmi l-obligi li kien assuma l-konvenut.*

*Lanqas ma hija attendibbli l-eċċezzjoni illi s-sentenza li tingħata fuq dik id-domanda ma tkunx tista' tiġi eżegwita, għaliex si tratta ta' obligazzjoni "di fare", li l-adempiment tagħha hu dovut qabel xejn minn min ikun assuma l-obligazzjoni; u għalhekk il-kreditur għandu qabel kollox jeżiġi li l-adempiment isir mid-debitur tal-obligazzjoni. Jekk mbgħad id-debitur ma jobdix il-kundanna, il-kreditur jista', jew jikkostrinġi lid-debitur għall-eżekuzzjoni per mezz tal-mandat "in factum", jew jitlob il-Qorti tawtorizzah jeżegwiha huwa nnifsu bi spejjeż tad-debitur; u jekk il-kreditur ma jitlobx fl-istess gudizzju ebda wieħed minn dawk iż-żewġ rimedji, dan ma jwassalx għall-ineżegwibbilità tas-sentenza, u ma hemm xejn fil-liġi li żżommu milli jitlob ir-rimedju f'ġudizzju separat.*

*Jekk l-attur ikun talab li l-konvenut jiġi kundannat li ma jkomplix jostakolah milli da parti tiegħu jeżegwixxi l-obligazzjonijiet li huwa jkun assuma f'dik l-iskrittura tat-transazzjoni, taħt il-komminazzjonijiet legali, anki f'dan ir-rigward ma jistgħax jingħad li s-sentenza li tiġi mogħtija ma tkunx passibbli ta' eżekuzzjoni; għaliex il-komminazzjonijiet tal-liġi jistgħu jirriżolvu ruħhom, fost ħwejjeġ oħra, f'mandat ta' inibizzjoni skond il-liġi.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-kontendenti ttransiġew il-kawża fl-istess ismijiet għat-termini tal-anness verbal (dok. A), u dik il-kawża ġiet ċeduta fil-5 ta' Marzu 1958; peress li sal-lum il-konvenut, għal raġunijiet mhux validi fil-liġi, għadu ma otteperax ruħu mal-obligi minnu assunti fl-istess transazzjoni, u qiegħed jostakola lill-attur milli jeżegwixxi l-ftehim da parti tiegħu; talab li l-konvenut jiġi kundannat sabiex fi żmien qasir u perentorju huwa jottempera ruħu mal-obligi minnu assunti fl-istess ftehim tal-5 ta' Marzu 1958; u fl-istess ħin jiddeżisti milli jkompli jostakola lill-attur mill-eżekuzzjoni tal-obligi tiegħu skond l-istess ftehim; u dan taħt il-komminazzjonijiet kollha tal-liġi Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi d-domandi attriċi huma konċepiti f'termini

ġeneriċi żżejjed u b'mod li mhumiex intelliġibbli; oltre dan, l-istess domandi huma tali li kull sentenza fuqhom ma tkunx passibbli ta' eżekuzzjoni; u għalhekk l-eċċipjent għandu jiġi liberat mill-ħarsa tal-ġudizzju, bl-ispejjeż; u illi, bla preġudizzju tal-premess, l-eċċipjent kien dejjem pront, kif għadu, li jagħmel dak li obliga ruħu li jagħmel skond it-transazzjoni mal-attur, u ma kienx tort tiegħu jekk din ma ġietx eżegwita; u illi għalhekk id-domandi attriċi huma nfondati u għandhom jiġu respinti; bl-ispejjeż;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' April 1959, li bih ġie nominat bħala perit legali l-Avukat Dr. Paolo Borg Grech;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi perit, preżentata fiż-27 ta' Awissu 1959, u minnu maħlufa fil-5 ta' Ottubru susseg-wenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat dwar il-preġudizzjali opposta mill-kon-venut;

Illi xieraq li ż-żewġ motivi li fuqhom il-konvenut ibbaża dik il-preġudizzjali jiġu eżaminati separatament;

Illi, fl-ewwel lok, il-konvenut qiegħed jitlob li jiġi libe-rat "ab observantia" għaliex id-domandi huma konċepiti f'termini ġeneriċi żżejjed u b'mod li ma humiex intelliġib-bli. Fuq dan il-punt, l-attur, permezz tad-difensur tiegħu, iddikjara li ċ-ċitazzjoni saret b'mod komprensiv billi ebda wieħed mill-pattijiet tat-transazzjoni ma kien ġie eżegwit (v. verbal fol. 81) — ċirkustanza din li ma ġietx kontestata mill-konvenut, anzi tinsab minnu sostanzjalment ammes-sa. Issa, fl-ewwel domanda taċ-ċitazzjoni l-attur qiegħed jitlob li jkun prefiss lill-konvenut żmien qasir u perentorju biex jottempera għall-obligi minnu assunti fit-transazzjoni li saret fil-5 ta' Marzu 1958; u fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni l-attur spjega illi l-konvenut kien għadu ma għamel xejn. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ma għamelx ħażin l-attur meta fiċ-ċitazzjoni adopera lokuzzjoni komprensiva u riferibbli għall-obligi kollha assunti mill-konvenut; u

b'hekk ċertament ma jistgħax jingħad li huwa naqas miċċarezza preskritta mill-liġi. Ma tiswiex, għalhekk, l-obbjezzjoni tal-konvenut, sottomessa fin-nota tiegħu fol. 88, li ċjoè l-attur kien imissu jsemmi l-obligi li kien assuma l-konvenut; għaliex dawn l-obligi huwa kien jafhom u kienu jirriżultaw mill-verbal tat-transazzjoni, li sar anki fil-preżenza u bil-konnivenza tiegħu. Di pjù, ebda speċifikazzjoni ma kienet meħtieġa; għaliex il-konvenut kien jaf ben tajjeb li ebda wieħed minn dawk l-obligi ma kien ġie eżegwit. Konsegwentement ma jistgħax jingħad li minħabba l-mod kif ġiet konċepita l-ewwel domanda l-konvenut ma kienx jinsab fi stat li jiddefendi ruħu; u għalhekk l-oppożizzjoni tiegħu ma hix fondata. Rigward, mbgħad, it-tieni domanda, din tirrifletti l-obligi assunti mill-attur stess fit-transazzjoni, u l-konvenut jaf li dawn jirriferixxu għall-bini talopramorta; u għalhekk anki hawn l-oppożizzjoni tiegħu mhix fondata;

Illi kwantu għas-sottomissjoni tal-konvenut li s-sentenza fuq id-domandi ma hix eżegwibbli, għandha ssir, anki hawnhekk, *distinzjoni bejn* l-ewwel *u t-tieni* talba. Rigward l-ewwel talba, għandu jingħad li l-oġġett tagħha huwa obligazzjoni "di fare", prestazzjoni ta' fatt assunta millkonvenut, b'mod speċjali għax-xogħol konċernenti l-mużajk; u għalhekk l-adempiment tagħha huwa, qabel xejn, dovut mid-debitur, skond il-prinċipju li jiggoverna l-obligazzjonijiet l-oħra. Tant jista' wieħed jargumenta millart. 1168 (Kod. Ċiv.), li jimponi l-adempiment ta' kull obligazzjoni mingħajr ebda limitazzjoni; kif ukoll mill-art. 1170 (Kod. ċitat), li jagħti lill-kreditur il-fakoltà li jeżegwiha *a spejjeż tad-debitur b'awtorizzazzjoni tal-Qorti*. Minn dan jidher illi d-debitur għandu d-dritt li jeżegwixxi "hu" l-obligazzjoni, u li ma jħallix lil ħadd ieħor jeżegwiha floku. U kif esprima ruħu Giuseppe Piola fil-monografija tiegħu "Obbligazioni (Diritto Civile)":— "Come per qualunque altra obbligazione, anche per quella di fare...... il debitore è tenuto ad adempierla, ed ha il diritto di eseguire da parte "sua tutto ciò è necessario per riuscire alla sua liberazione" (Digesto Italiano, voce citata, 220). Konsegwentement, il-kreditur, bħal ma għamel l-attur, għandu jeżiġi, qabel *kollox, li l-adempiment isir mid-debitur, f'dan* il-każ

mill-konvenut; jekk mbgħad id-debitur ma jobdix dik il-kundanna, il-kreditur ikollu żewġ rimedji oħra, jew li jikkostrinġi lid-debitur għall-eżekuzzjoni per mezz tal-mandat "in factum", jew li jitlob lill-Qorti li jkun awtorizzat li jieħu ħsieb jeżegwiha huwa nnifsu bi spejjeż tad-debitur (v. Kollez. XXVIII-II-195). Fl-ewwel każ, il-kreditur ma għandux bżonn jitlob l-ispedizzjoni tal-mandat fl-istess kawża; hekk ukoll mhux meħtieġ li fl-istess kawża tintalab l-imsemmija awtorizzazzjoni f'każ ta' inadempjenza tad-debitur; għaliex il-liġi ma tgħidux, u ma hemm xejn fil-liġi li jżomm lill-kreditur li dik l-awtorizzazzjoni jitlobha b'ġudizzju separat, jekk ikun jaqbillu (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., are. 1220, §21). Jekk l-attur ma talabx din l-awtorizzazzjoni, u lanqas il-mandat "in factum" bħala alternattiva, dan ma jwassalx għall-ineżegwibbilità tas-sentenza fuq l-ewwel domanda;

Illi, kwantu għat-tieni domanda, din hija evidentement intiża biex il-konvenut jiġi inibit milli jostakola l-adempiment tat-transazzjoni da parti tal-attur, u dan taħt il-komminazzjonijiet tal-liġi li, fost ħwejjeġ oħra, jistgħu jirriżolvu ruħhom f'mandat ta' inibizzjoni skond il-liġi; u għalhekk ma jistgħax jingħad, lanqas f'dan ir-rigward, illi s-sentenza li tingħata fuq din it-tieni talba mhix passibbli ta' eżekuzzjoni; salv dak li ser jingħad fuq il-meritu;

Illi ma jistgħax jingħad li, dwar ix-xogħol tal-opramorta, li kellu jsir anki mill-attur, dan ma setgħax jipproċedi, kif għamel, minħabba l-inadempjenza tiegħu stess; għaliex huwa dejjem wera ruħu pront li jkompli l-obligu tiegħu, u għalhekk mhux applikabbli l-aforisma "inadimplenti non est adimplendum" (Fadda, Op. Cit., art. 1165, §§736 u 738);

Illi minn dan li ntqal il-preġudizzjali opposta mill-konvenut mhix sostenibbli;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi mill-provi rriżulta li sal-lum ebda wieħed mix-xogħolijiet kompriżi fl-imsemmija transazzjoni għadu ma sar;

Illi, kwantu għax-xogħol rigwardanti l-mużajk, dan, skond il-ftehim ġa msemmi, kellu jsir mill-konvenut biss u a spejjeż tiegħu; u billi ma kienx ġie ffissat ebda żmien, jeħtieġ li dan iż-żmien tiffissah il-Qorti; u da parti tiegħu l-konvenut, kif issottometta fin-nota tal-eċċezzjonijiet, iddikjara li huwa dejjem pront ikompli l-obligi tiegħu;

Illi, kwantu għall-opramorta, l-obligu relattiv huwa komuni għaż-żewġ kontendenti, u għalhekk kull wieħed minnhom jista' jġiegħel lill-ieħor jibni jew jikkonkorri fil-bini tal-opramorta, skond il-każ (arg. art. 464 Kod. Ċiv.); salv dejjem li tintalab l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja għal dak il-bini fil-każ li l-konvenut ma jottemperax għas-sentenza. Konsegwentement, l-ewwel talba tinsab ritwalment proposta, anki rigward ix-xogħol tal-opramorta. U billi l-kontendenti ma rnexxielhomx jaqblu bejniethom dwar il-persuna li għandha teżegwixxi x-xogħol, jeħtieġ li għal daqshekk jiġi provvedut mill-Qorti;

Illi, in kwantu għat-tieni talba, ma rriżultax soddisfaċentement illi l-konvenut fixkel lill-attur fl-eżekuzzjoni tal-imsemmija transazzjoni; u għalhekk dik it-talba ma tistgħax tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad il-preġudizzjali opposta mill-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Tilqa' l-ewwel talba, u tipprefiġġi lill-konvenut xahar żmien, prorogabbli għal raġuni tajba, biex jagħmel, a spejjeż tiegħu, il-linea medjana kontemplata fit-tieni patt tat-transazzjoni a fol. 5, u biex jagħmel, a spejjeż tiegħu u tal-attur, ix-xogħol relattiv għall-opramorta kontemplat fl-ewwel patt tal-imsemmija transazzjoni, taħt id-direzzjoni tal-I.Ċ.A. Salvino Privitera, li qiegħed jiġi għal dan l-iskop espressament inkarigat; salv lill-attur, f'każ ta' inademp-

jenza, kull rimedju ieħor skond il-liġi; l-ispejjeż jitħallsu tliet kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur;

Tiċħad it-tieni talba, bl-ispejjeż kontra l-attur;

Il-Qorti tirriżerva li tagħti kull provvediment ieħor għall-eżekuzzjoni tal-ordnijiet mogħtija b'din is-sentenza.